MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tat-23 ta' April, 2008

Talba Numru. 864/2007

**MOBISILE COMMUNICATIONS LIMITED**

**Vs**

**JOHN FALZON**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-31 ta` Ottubru, 2007 fejn intalab sabiex il-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta` Lm201.56c, rapprezentanti kont li kien ghadu dovut fuq client contract number 1009109 in konnessjoni ma` servizz lilu rezi ghax xhur ta` bejn Lulju, 2006 u April, 2007.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta` l-ittra ufficcjali tat-30 ta` Lulju, 2007 u tal-mandat ta` sekwestru prezentat kontestwalment ma` dan l-avviz u bl-imghaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut ingunt in subizzjoni.

Ra li ghalkemm il-konvenut kien legalment notifikat huwa baqa` ma pprezenta ebda risposta in kontestazzjoni ghat-talba attrici.

Innota wkoll illi l-konvenut baqa` ma deher qatt fis-seduti mizmuma minn dan it-Tribunal sabiex jikkontesta l-istess talba attrici.

Sema` x-xhieda ta` l-Prokuratur Legali Peter Paul Sammut li bil-gurament tieghu fis-seduta tal-11 ta` April, 2007 ikkonferma li l-ammont mitlub f`din il-kawza kien ghadu dovut sa l-gurnata ta` llum.

Il-konvenut ghalkemm inghata l-opportunita` fis-seduta ta` llum, 23 ta` April, 2008 sabiex jaghti l-verzjoni tieghu, huwa baqa` ma resaqx quddiem it-Tribunal.

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet hawn fuq premessi t-Tribunal qieghed jaqta` u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa` t-talba tas-socjeta` attrici, konsegwentement jikkundanna lil konvenut sabiex ihallasha s-somma mitluba ta` erbgha mija u disgha u sittin ewro u hamsin centezmu (€469.50c), gia` Lm201.56c, bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data ta` l-ittra ufficcjali tat-30 ta` Lulju, 2007 u bl-ispejjez kollha kif mitluba ta` din l-istanza a karigu ta` l-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------